**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 231/2014**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jean Marc Dalli**

Illum, 24 ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jean Marc Dalli, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 11395(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013 u fil-jiem u xhur ta' qabel ġewwa Kordin, f'Raħal Ġdid, u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Traffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-mitkub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;
2. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-mitkub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-

Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(2)(b)(i) u (ii) u 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, iżda limitatament għal-lejl ta' bejn it-8 u 9 ta' Settembru 2013 u mhux għall-jiem u x-xhur ta' qabel din id-data, u kkundanatu għall-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija effettiva u multa ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. Ukoll, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ordnat lill-ħati sabiex iħallas nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammit, l-oriġinali ta' liema tinsab esebita fl-atti tal-proċeduri quddiem din il-Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Dwight Falzon', liema spejjeż għandhom jiġu stabbiliti mir-Reġistratur tal-Qorti. Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Jean Marc Dalli, ippreżentat fit-12 ta' Frar 2021, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu sabitu ħati tal-ewwel u it-tieni mputazzjoni u konsegwentement tilliberah minnhom u l-konsegwenti ħtija u piena, u alternattivament, f'każ biss illi din l-Qorti tiċħad l-ewwel żewġ aggravji tiegħu u tikkonferma s-sentenza appellata, jitlob lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja il-piena nflitta, għal waħda aktar ekwa, ġusta u miti sabiex tkun tirrispekkja l-fatti tal-każ.

Rat li l-verbal ta' nhar it-28 ta' Settembru 2023 fejn kien dikjarat quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta illi: "*Dr Savona għall-Avukat Ġenerali jiddikjara li jaqbel mal-avukat tad-difiza ai termini tal-proviso tal-artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31 f'dan il-kaz*". Din id-dikjarazzjoni kienet mill-ġdid affermata quddiem din il-Qorti kfi ippresjeduta fil-verbal tad-09 ta' Frar 2024 meta kien hekk iddikjarat: "*Dr. Savona u d-difensuri tal-*

*appellant jagħmlu referenza għall-verbal magħmul minn din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-28 ta' Settembru 2023 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artiklu 120A(7) tal-kap,31 u dan fir-rigward tal-aggravju marbut mal-piena."*

Rat is-*Social Inquiry Report* mħejji u semgħet ix-xhieda ta'l-Uffiċjal tal-Probation Rhona Agius Custo' fir-rigward.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, għalkemm b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Mejju 2023 fil-kawża fl-ismijiet *Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija et.* kien deċiż illi "***t-teħid tal-istqarrija tar-rikorrenti fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013 mingħajr il-prezenza ta' avukat jassistih ma jilledix id-dritt fundamentali tar-rikorrent ta' smiegħ xieraq kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***", madanakollu d-difiża għada tinsisti illi din l-istqarrija m'għandhiex titqies minn din il-Qorti meta tiġi biex titratta l-aggravju imressaq marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti dwar il-ħtija tal-appellant. Dan għaliex jikkontendu illi l-Ewwel Qorti indirettament, meta kienet qed tagħmel l-apprezzament fil-mertu, skartat il-kontenut ta' din l-istqarrija u ma straħietx fuqha meta waslet għal sejbien ta' ħtija fil-konfront tal-appellant. Kwindi, issostni id-difiża, illi ġaldarba ma kienx hemm appell mill-Avukat Ġenerali kwindi din il-Qorti issa hija prekluża milli titbiegħed mill-fehma ta'l-Ewwel Qorti meta il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward ma humiex soġġetti għal reviżjoni.

Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-linja difensjonali. L-Ewwel Qorti iddeċiediet b'mod ċar u inekwivoku, fis-sentenza appellata, illi l-istqarrija tal-appellant kienet

prova ammissibbli, tant illi mhux biss l-ewwel aggravju jitratta proprju dan l-ilment, iżda ukoll wara li kienet prolatata is-sentenza l-appellat intavola proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali bil-għan illi din il-prova titwarrab mill-atti.

Illi l-Ewwel Qorti iddeterminat il-kwistjoni dwar il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta stqarret hekk wara li għamlet referenza għal diversi sentenzi kemm tal-qrati tagħna kif ukoll dawk tal-QEDB:

> ***Is-sentenzi fuq ċitati huma lkoll konkordi f'aspett speċifiku u ċioe` li f'kull każ l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkużi dedotti. F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti iżjed 'il fuq, l-istqarrija tal-imputat kif ikkonfermatha wkoll minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa, m'hijiex l-unika prova li tressqet fil-konfront tal-imputat, tant illi kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Qorti tqis illi ġie ppruvat illi fil-lejl in kwistjoni l-imputat għadda pilloli ecstasy lil Dwight Falzon u dan permezz tax-xhieda ta' PS 1220 u tar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut. Fi kliem ieħor, f'dan il-każ, l-istqarrija tal-imputat mhijiex dik il-prova esklussiva jew determinanti li fuqha qegħda tistrieħ il-ħtija tal-imputat. Imbagħad irid jingħad ukoll illi f'dan il-każ, fil-mori tal-proċeduri, id-difiża fl-ebda waqt ma kkontestat il-volontarjeta` tal-istqarrija tal-imputat, iżda anzi eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lil PS 168 Stephen Monreal bħala xhud tal-volontarjeta` tal-istess stqarrija u tal-identita` tal-imputat, kif lanqas ma kkontestat l-ammissibilita` tal-istess stqarrija, salv illi qajjmet għall-ewwel darba dan il-punt fit-trattazzjoni finali tagħha. Mhux biss, iżda fid-dawl tal-fatt illi l-imputat ikkonferma l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat tal-Għassa u semma' l-persuna li mingħandha huwa akkwista l-pilloli in kwistjoni, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi huwa għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli għall-każ odjern bis-saħħa tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Minn dan kollu għalhekk huwa evidenti illi meta l-Ewwel Qorti waslet għal sejbien ta' ħtija straħet mhux biss fuq ix-xiehda tal-PS1220, Chris Baldacchino u fuq ir-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut, iżda ukoll qieset bħala prova korroborattiva dak li stqarr l-appellant fl-istqarrija tiegħu li kienet ikkonfermata bil-ġurament quddiem l-Inkwirenti bil-għan li huwa jibbenefika minn dak dispost fl-artikolu 29 tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli għal Kap.31. Għal dawn il-motivi l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju minnu vventilat, l-appellant jilmenta mill-enunċazzjoni zbaljata tal-provi prodotti. Huwa jattakka l-verzjoni mogħtija minn PS1220 Chris Baldacchino li kien l-uniku xhud imressaq mill-Prosekuzzjoni u dan meta din għoġobha ma tressaqx xhieda oħra li, fil-fehma tiegħu, kienu determinanti għal każ u ċioe' lil PS1086 li kien l-uffiċċjal tal-pulizija l-ieħor li interċetta lill-appellant u ipproċeda għall-arrest tiegħu kif ukoll lil Dwight Falzon u Gabrielle Tonna li lilhom kienu ġew mgħoddija l-pilloli tal-*ecstasy* minn għand l-appellant.

Illi, l-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża sabiex tagħmel dak l-eżerċizzju li hu fis-setgħa tagħha li tagħmel issa fi stadju ta' reviżjoni u ċioe' illi tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi, jemerġi mill-atti illi nhar t-3 ta' Settembru 2013, il-Pulizija u ċioe' il-PS1220 u il-PS1086 kienu qegħdin jagħmlu diversi osservazzjonijiet ġewwa Raħal Ġdid fil-Ħabs antik ta' Kordin fejn kien hemm *party* għaddej. Ħin minnhom osservaw persuna, li wara ġiet identifikata bħala l-appellant, li kellu borza f'idu u għadda xi ħaġa minnha lil ċertu Dwight Falzon. Hekk kif l-Pulizija avviċinaw lill-appellant huwa deher igħaddi il-borza lil Gabrielle Tonna li ukoll kienet fil-kumpanija tiegħu. Fil-borza il-pulizija sabu tlett pilloli blu u fil-but ta' Falzon sabu sitt pilloli ta'l-istess għamla. Minn ezamijiet li saru fuq dawn il-pilloli, li kienu elevati mill-pussess ta' Falzon, mix-Xjenzat Godwin Sammut, irriżulta kienu sitta fin-numru u kellhom is-sustanza MDMA.

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi, l-appellant għazel li jirrilaxxja stqarrija lill-Pulizija nhar id-9 ta' Settembru 2013 fejn jgħid li huwa kien xtara l-*ecstasy* mingħand ċertu Cedric Zammit għall-prezz ta' 10 ewro-il waħda. Huwa kompla billi jistqarr li:-

> **"Li nista' ngħidlek huwa li Dwight talabni inġiblu 6 pilloli estacsy minħabba li kien jaf li kont ser inkun mal-laħmi u li kien ser ikun miegħi fil-vann. B'hekk jien għadt lil laħmi iġiblu 6 ecstasy għal Dwight u infatti kellu fuqu u qabad u tagħjomli dak il-ħin u jien tagħjthom lil Dwight."**

Fl-aħħarnett, huwa jgħid illi kien ħallas €60 lil Cedric Zammit u kien ġabar €60 mingħand Dwight Falzon meta għaddielu d-droga sabiex b'hekk huwa evidenti illi l-appellant ma għamel ebda qliegħ minn dan in-negozju. Illi, dan kollu, l-appellant reġa' kkonfermah quddiem il-Maġistrat Inkwirenti meta għazel li jiġġuramenta l-istqarrija minnu mogħtija fejn jerġa' isostni:

> "**Fil-fatt nikkonferma li jiena tkellimt ma' avukat u kien għalhekk li rrilaxxajt din l-istqarrija. Jiena nikkonferma l-kontenut ta' din l-istqarrija u ngħid illi hija l-verita' kollha. Mistoqsi jekk inhix ċert jekk id-droga in kwistjoni xtrajtiex mingħand Cedric Zammit ngħid illi iva, mingħandu biss xtrajthom bl-istess prezz li jiena għaddejthom lil Dwight. Ngħid illi Cedric huwa l-istess persuna bin-numru seba' (7) fuq id-Dok CSH. Cedric huwa mill-Fgura**.
>
> **Mistoqsi jekk quddiemi Cedric bieħx xi droga oħra lil terzi persuni ngħid li le, jiena ma rajtux. Nispjega li appena għaddejt dawn is-sitt pilloli lil dan Dwight jiena nġbart mill-Pulizija".**

Illi, għalkemm din l-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti qabilha li, ai fini ta' kompletezza, il-Prosekuzzjoni kien messha resqet ukoll bħala xhieda lil Dwight Falzon, Gabrielle Tonna u PS 1086, minn naħa l-oħra temmen li mill-provi kkumpilati, hemm bizzejjed evidenza li tindika li kien filfatt l-appellant li pprokura d-droga lil Falzon mingħand Zammit, ħallsu tagħha mbagħad għaddieha lil Falzon li minn naħa tiegħu ħallsu għall-istess. Kif, ingħad l-appellant ma għamel ebda qliegħ minn dan l-iskambju u li l-għan wara dak li għamel l-appellant kien illi din il-mediċina ristretta u psikotropika jakkwista għal Falzon sabiex tkun ikkunsmata waqt il-*party* li kienu qed jattendu għalih hu flimkien ma' sħabu.

Illi, l-appellant għalhekk jikkontendi illi favur tiegħu għandu japplika il-proviso għall-artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar 'l hekk imsejjaħ *trafficking by sharing*. L-Avukat Ġenerali vverbalizza ukoll li huwa jaqbel ma' dak sottomess mid-difiża illi l-appellant għandu jibbenfika minn din id-disposizzjoni tal-liġi. Illi l-kuncett ta' dritt li jsawwar dan l-"iskużanti" għar-reat ta' traffikar, fejn allura hija prevista piena aktar miti minn dik tassattiva tal-priġunerija, ġiet introdotta fil-liġi tagħna permezz ta' l-Att XVI ta'l-2006. Illi l-applikazzjoni ta' din l-iskużanti ġiet imwessa' permezz ta'l-Att XXXVI tal-2021 meta issa l-*proviso* għall-artikolu 120A(7) jipprovdi:

> **Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation,, il-qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, <u>jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt</u>, il-qorti tista'tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu**

Issa mill-atti jirriżulta illi:

1. L-appellant akkwista id-droga għal sieħbu Dwight Falzon.
2. Din id-droga għaddieha lil Falzon waqt il-festin li kienu ħa jattendu għalih l-appellant u sħabu.
3. Dan l-akkwist għal Falzon sar għal avveniment wieħed biss, u ċioe' għal festin ġewwa Raħal il-Ġdid.
4. L-akkwist sar mingħajr profit.
5. L-ammont ta' mediċina kien wieħed *de minimis*.
6. L-appellant kien fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat persuna b'fedina penali nadifa, liema fedina penali baqgħet waħda nadifa tul iż-żmien kollu li damu għaddejjin dawn il-proċeduri, u ċioe' għaxar snin.

Illi, mbagħad mis-*Social Inquiry Report* imħejji mill-Uffiċjal tal-*Probation* Rhona Agius Custo' jidher li l-appellant għandu ħajja stabbli, għandu impjieg ta' responsabbilta' fit-tmexxija ta' żewġ lukandi u llum huwa ukoll ġenitur ta' tarbija flimkien mas-sieħba

tiegħu. Jidher ukoll illi għalkemm f'żgħożitu huwa kien jikkonsma xi sustanzi illeċiti waqt xi avvenimenti soċjali, madanakollu huwa ma għandu ebda vizzju f'ħajjtu u t-testijiet li saru mill-Uffiċjal tal-*Probation* kollha irriżultaw fin-negattiv għal kwalsiasi sustanza illeċita: –

> **Jirrizulta li l-imputat jgħix ħajja stabbli fejn igawdi minn ħafna sapport mill-familja u dawk ta' madwaru. Huwa għandu ukoll impjieg għall-qalbu u qiegħed f'relazzjoni li jidher li hija waħda feliċi. Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport ma ġewx identifikati aspetti li jqanqlu tħassib rigward l-andament tal-appellant u ma jidhirx li hemm fatturi li għandhom jiġu ndirizzati. Għaldaqstant, Jean Marc Dalli għandu jkompli jimpenja ruħu sabiex izomm dan l-element ta' stabbilita' fil-ħajja tiegħu.**

Kwindi ma hemm ebda biża' li jkun hemm repetizzjoni ta' dawn l-offiżi.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, għalhekk, għalkemm il-Qorti tqies illi s-sejbien ta' ħtija fil-konfront ta'l-appellant għar-reati lilu addebitati għandha tkun ikkonfermata, madanakollu favur tiegħu għandu jkun applikat l-iskużanti maħsub fil-*proviso* għall-artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk meta il-Qorti tiġi biex tqies il-piena li għandha tkun inflitta hija tista' tapplika favur l-appellant id-disposizzjonijiet ta'l-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali. Illi allura għalkemm din il-Qorti hija tal-fehma illi m'għandhiex tiskossa id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-*quantum* tal-piena erogata fejn ukoll kien applikat favur l-appellant l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli għal Kapitolu 31 permezz ta'l-artikolu 120A(2B), madanakollu f'dawn iċ-ċirkostanzi u fid-dawl tal-emendi introdotti fil-liġi, l-perijodu ta' priġunerija għandu jkun sospiż għal żmien sena mil-lum fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell tal-appellant Jean Marc Dalli. Tgħaddi sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi –**

**(i) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lil appellant Jean Marc Dalli ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih limitatament għall-lejl ta' bejn it-8 u 9 ta' Settembru 2013 u mhux għall-jiem u x-xhur ta' qabel dina d-data; u**

**(ii) Tikkonfermaha fil-parti fejn ordnat lill-appellant iħallas nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, l-**

oriġinali ta' liema tinsab esebita fl-atti tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Dwight Falzon", liema spejjez għandhom jiġu stabbiliti mir-Reġistratur tal-Qorti; u

(iii) Tirriforma l-piena inflitta billi wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna illi il-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija nflitta fuq l-appellant għandha tkun sospiża għal żmien sena mil-lum. Tikkonferma l-kundanna għal ħlas tal-multa ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), liema multa titsa' titħallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' €50 fix-xahar skont kif deċiż fis-sentenza appellata, bl-ewwel pagament ikun dovut fl-aħħar ta' Mejju 2024 u fl-aħħar ta' kull xahar sussegwenti, b'dan illi jekk l-appellant jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ rimanenti jiġi dovut f'salt u konvertit f'priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti, twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Edwina Grima
Imħallef